KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 27 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 29 ta' Awwissu 2013 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fit-8.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.30p.m. | 10.30p.m. |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.30p.m. | 10.30p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | Imsiefer | |
| Kunsillier Abraham Bezzina | Assenti | |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | Assenti | |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.00p.m. | 10.30p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | Assenti | |
| Kunsillier James Cassar | Skużat | xogħol |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.30p.m. | 10.30p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.30p.m. | 10.30p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.30p.m. | 10.30p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Nru 25 tal-25 ta Lulju 2, u Nru 26 ta 1 ta Awwissu 2013**

Il-minuti kienu intbagħtu qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament għajr għal żewġ korrezzjonijiet fil-minuti tal-laqgħa Nru. 25 tal-25 ta' Lulju, 2013 kif ġej:

a) Żdiedu l-kliem "**u filgħodu tiġi utilizzata mill-hawkers**" wara l-kliem "**ta' filgħaxija**" fl-aħħar ta' l-ewwel sentenza tal-paragrafu 4 tal-item 2.00 –Punti Imqajjma mill-Minuti.

Din l-emenda ġiet proposta mis-Sindku, Dr. Shirley Farrugia, u approvata unanimament wara li ma ġietx aċċettata li ssir emenda li l-Kunsillier Alex Muscat kien bagħat lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv b'e-mail għaliex ma' kienx preżenti għal-laqgħa.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

b) Żdiedu l-kliem "jiġifieri Euro 13,000 fis-sena" fl-aħħar tas-sentenza wara l-kliem "**skont il-kuntratt oriġinali**" fil-paragrafu ta' Item 8.02 –C H Formosa – Kuntratt ta' Kera tal-Mosta Day Centre / Youth Empowerment Centre.

Din l-emenda ġiet proposta mill-Kunsillier Keith Cassar, u approvata unanimament.

**2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti**

Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi punti li l-kunsilliera preżenti riedu jqajjmu mill Minuti tas-Seduti Nru: 25 u 26. Ma kienx hemm punti mqajjma.

**3.00 Materji Finanzjarji**

**(a) Lista ta' Pagamenti**

Ġiet approvata unanimament lista ta' pagamenti b'ammont totali ta' €116,297.93 kif ippreżentata u annessa ma dawn il-minuti.

**(b) Lista tal-Works Orders**

Ġiet approvata unanimament lista ta' *Work Orders* kif ippreżentata u annessa ma dawn il-minuti.

**(c) Lista tal- Purchase Orders**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Purchase Orders kif ippreżentata u annessa ma dawn il-minuti.

**(d) Lista ta Depożiti**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Depożiti kif ippreżentata u annessa ma dawn il-minuti.

Fuq proposta tas-Sindku, Dr. Shirley Farrugia, ġie approvat unanimament li d-dħul kollu li sar mill-permessi għal-kjosks u bars fil-festa ta' Santa Maria 2013 flimkien ma xi flus li kienu ser jinġabru min *'sponsors'* jmorru għal-spejjes tal-organizazzjoni ta' l-attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum il-Mosta u Fest Għasel.

**4.00 Korrispondenza**

Ġiet ppreżentata lista ta', 6 items ta' Korrispondenza. Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar din il-korrispondenza jinstabu annessi ma dawn il-minuti.

Dwar Korrispondenza Nru 1 – Talba tal-Impjegata Candice Coppola sabiex titla increment fi Skala 13 fis-salarju tagħha, ġiet approvata unanimament b'effett mill 1 ta' Awwissu 2013.

Dwar Korrispondenza Nru 4 – Seminar dwar Servizzi tas-Saħħa fi Kliniċi Lokali. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jiġi negozjat ftehim ġdid mad-Dipartiment

tas-Saħħa dwar kif għandhom jinqasmu l-ispejjes konnessi ma dan is-servizz. Is-Sindku semmiet fost affarijiet oħra l-ispejjes kbar li l-Kunsill kien qed jagħmel f'manutenzjoni tal-Lift li issa kien wasal ż-żmien li jinbidel u jsir wieħed ġdid. Il-ftehim eżistenti kien ilu s-snin twal li sar u *r-ratio* ta' 40:60 (40% jitħallsu mid-Dipartiment tas-Saħħa) ma kienx għadu realistiku.

**5.00** F'dan il-ħin il-Viċi Sindku, s-Sur Joseph Demartino, bħala Chairperson tas-Sotto-Kumitat tal-Batterija tat-Tarġa, talab u ġie approvat unanimament li ssir sospensjoni tar-regolamenti sabiex issir preżentazjoni mill-Profs. Spiteri Staines u Dr. George Cassar li kienu membri ta' kumitat maħtur mis-Sotto-Kumitat tal-Batterija tat-Tarġa sabiex jgħinu u jipproponu pjan għal-din il-batterija.

Dr. George Cassar għamel introduzjoni fejn qal li dan il-Kumitat kellu fi ħdanu membri tal-SBE (Sustainable Built Environment) li kienu qed jagħtu s-sehem tagħhom volontarjament sabiex jiġi ifformulat pjan sostenibli għall-Batterija tat-Tarġa.

Profs. Spiteri Stains għamel preżentazjoni bil-għajnuna ta' (Power Point fuq screen) fejn spjega l-aspetti diversi li kienu qed jigu mehuda inkonsiderazjoni sabiex isir dan il-pjan. Fost affarijiet ohra huwa semma l-aspett storiku ta' din il-Batterija u l-aspett ta 'Green Area' fejn jista jsiru diversi attivitajit ghal-beneficju u godiment tar-residenti Mostin. Huwa semma l-possibilitajiet li jsir '*shared administrative complex',* centru tal-konferenzi, kuncerti, addivitajiet ta' divertiment ghal-familji, café/restaurant, sistema ta pannelli solari. Huwa qal ukoll li qabel xejn kien hemm bzonn isiru tiswijiet strutturali ta' diversi hsarat li kien hemm fosthom saqaf sfrundat f'wahda mill-kmamar tal-post. Ghal dan kien jenhtieg li jinstabu sorsi ta' finanzjament. Huwa qal li l-MEPA kienet tinsisti li jsir 'Management Plan' qabel tigi ikkonsidrata xi applikazjoni għal dan il-post.

Il-Profs. Spiteri Stains semma wkoll xogħolijiet oħra li l-SBE kienu nvoluti fihom. Is-Sindku rringrazzjat lil-SBE għas-sehem tagħhom u qalet li l-Kunsill kien fortunat li kellu l-għajnuna ta nies professjonali sabiex jgħinu f'dan il-proġett.

**6.00** **Ġieħ il-Mosta**

Il-Viċi Sindku fakkar li matul din is-sena kien diġa ngħata Ġieħ il-Mosta lis-sorijiet tal-Pax et Bonum u għalhekk l-ewwel ma għandu jiġi deċiż kien ~~kemm il-unur~~ il-Kunsill kien lest li jagħti fl-okkażjoni ta' Jum il-Mosta ta' din is-sena. Ġie approvat li għandhom jingħataw żewg unuri oħra u b'hekk ikunu ngħataw ~~tliet unuri~~ fil-2013 għalkemm is-Sindku xtaqet li jingħataw żewġ unuri b' kollox u mhux tlieta.

Kienu daħlu b'kollox tlettax il-nominazjoni iżda dawn tniżżlu għal-ħdax wara li nstab li waħda ma kienitx valida minħabba li ma kienx hemm sekondanti u waħda kienet doppja. Dawn reġgħu tniżżlu għal-għaxra wara li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kumitat tal-Kultura iddeċieda li s-Sur Salvu Zahra għandu jiġi ikkommemorat b'lapida tal-irħam fuq il-post fejn kien joqgħod u mhux jingħata midalja ta' Ġieħ il-Mosta. Dan għaliex kien ilu ħafna li miet u kien jinħoloq preċedent jekk dan jingħata l-unur. Is-segretarju ntalab jara jekk min ippropona lis-Sur Salvu Żahra kienx jaqbel li ssir din il-lapida.

Wara li s-Sindku ipreżentat rapport tas-Sotto-Kumitat tal-Kultura, inqraw il-kwalifiki ta' dawk nominati u ġie deċiż li ssir votazjoni.

Ir-riżultat tal-Votazjoni kien hekk:

Edwin Zammit – 4 punti minn sitta
Giuseppi Gatt – 2 punti minn sitta
Oratorju Marija Immakulata – 3 punti minn sitta
Emily Barbaro Sant – 2 punti minn sitta
Giovanni Sant – 1 punt minn sitta
Joe Sciberras – 2 punti minn sitta
Michael Bartolo – 2 punti minn sitta
Alfred C. Sant – 2 punti minn sitta
Joseph Quattromani – 3 punti minn sitta
Stanley Mangion – 2 punti minn sitta.

Saret votazjoni oħra bejn L-Oratorju Marija Immakulata, u Joseph Quattromani li kienu ġabu l-istess numru ta' punti u li kienu fit-tieni post. Is-Sur Joseph Quattromani intagħżel unanimament.

Għalhekk ġew magħżula s-Sinjuri Edwin Zammit, u Joseph Quattromani sabiex jingħataw l-Unur ta' Ġieħ Il-Mosta f'Jum il-Mosta 2013.

**7.00 Attivitajiet ta' Jum il-Mosta.**

Is-Sindku, Dr. Shirley Farrugia, tat dettalji tal-attivitajiet li kienu ser isiru fl-okkażjoni ta' Jum il-Mosta. Dawn kien ċerimonja tal-għoti ta' Ġieħ il-Mosta u riċeviment fis-Sala tal-Komunita nhar is-Sibt 14 ta' Settembru u serata ta' Għasel Fest u Mużika fil-parkeġġ ta' Pjazza Rotunda nhar il-Ħadd 15 ta' Settembru.

**8.00 ARK 51/13 – Joint Tender for Civil Works for the garden at ta' Bistra Catacombs , area A, Mosta and for St Augustine's Catacombs, Rabat**

Il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Evalwazjoni li t-tender jingħata lil-kumpanija Schembri Barbros .

**9.00 Affarijiet Oħra.**

9.01 Is-Sindku spjegat dwar l-andament tal-Progetti 313 u 323 għat-tiswija tal-Pont u tindif tal-Wied tal-Isperanza. Hija qalet li wara laqgħa mas-Sur Robert Naudi (MRRA) kien ġie deċiż li ssir talba għal-estensjoni tal-progett 323 sabiex il-Kunsill jingħata żmien biżżejjed sabiex jispiċċa dan il-proġett u jinħargu tenders ġodda sabiex ikunu jistgħu jintużaw l-fondi kollha allokati għal dan il-proġett billi jiġu estiżi ż-żoni li fihom isir ix-xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ.

9.02 Sar qbil unanimu li l-Kunsill jagħti l-opinjoni tiegħu lill-MEPA dwar l-applikazzjoni pendent tal-Mosta Football Club sabiex issir xibka (*fence*) u tinbena VIP Stand faċċata tar-residenti fi Triq il-Manwella u jiġi sanzjonat żvilupp ieħor li sar bla permess.

Il-Kunsill qabel li jilqa l-opinjoni tal-Kunsilliera bil-miktub dwar dan il-każ u s-Sindku tikteb lil-Mepa dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar din l-applikazjoni.

9.03 Il-Viċi-Sindku, Joseph Demartino talab li jsir tindif taż-żona industrijali ta' Sriedak.

9.04 Il-Kunsilliera Marthese Mifsud talbet u ġie approvat unanimament li tagħmel attivita ta' ħarġa għal anzjani fejn iżuru l-Wild Life Park fil-Baħrija. Il-Kunsill qabel li jipprovdi u jħallas għat-transport meħtieġ għal din il-ħarġa.

9.05 Saret proposta mill-Kunsillier Keith Cassar sabiex jitneħħa l-kanun mill-Pjazza Rotunda u jitpoġġa fil-Batterija tat-Tarġa. Huwa qal li dan ma kienx relevanti mal-Mosta u ma kienx postu fil-pjazza. Is-Sindku qablet li dan il-kanun ma kien ta' l-ebda valur storiku fil-kuntest tal-Pjazza Rotunda.

Il-Kunsillier Mario Sammut ma qabilx li dan il-kanun għandu jitneħħa u pprotesta bil-qawwa kontra din il-proposta.

Intalbet votazzjoni dwar jekk il-Kunsilliera kienux jaqblu mal-proposta tal-Kunsillier Keith Cassar.

Din il-proposta għaddiet b'ħames voti favur u vot wieħed kontra. Il-Kunsillier Sammut ivvota kontra.

Il-Laqgħa spiċċat fil-10.30 ta' filgħaxija.

Ġie deċiż unanimament li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis 26 ta' Settembru, 2013 fis-7.30p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Shirley Farrugia | John J. Camilleri |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |